

Brussell, 18 ta' Lulju 2022
(OR. en)

11490/22

EF 213
ECOFIN 743
DELECT 126

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	13 ta' Lulju 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	C(2022) 4860 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 13.7.2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/1503 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-attivitajiet ta' investigazzjoni, superviżjoni u infurzar fir-rigward tal-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv Ewropej għan-negozji

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2022) 4860 final.

Mehmuż: C(2022) 4860 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.7.2022
C(2022) 4860 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 13.7.2022

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/1503 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-attivitajiet ta' investigazzjoni, superviżjoni u infurzar fir-rigward tal-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv Ewropej għan-negozji

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

L-Artikolu 31(8) tar-Regolament (UE) 2020/1503 dwar fornituri Ewropej ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv għan-negozji ("ir-Regolament") jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta, wara li l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) tippreżenta abbozz ta' standards tekniċi regolatorji, u skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, atti delegati li jispeċifikaw l-informazzjoni li għandha tiġi skambjata bejn l-awtoritajiet kompetenti biex jippermettulhom iwettqu b'mod effettiv l-attivitajiet ta' investigazzjoni, superviżjoni u infurzar tagħhom skont ir-Regolament.

L-Artikolu 31 tar-Regolament jipprevedi rekwiżiti dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti. Dawn ir-rekwiżiti huma relatati mal-iskambju ta' informazzjoni, l-assistenza fl-ispezzjonijiet u l-investigazzjonijiet kif ukoll is-superviżjoni.

F'konformità mal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 li jistabbilixxi l-ESMA, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi l-abbozzi ta' standards jekk tapprovax l-abbozzi ppreżentati. Il-Kummissjoni tista' wkoll tapprova l-abbozz tal-istandards parzjalment biss, jew b'emendi, meta l-interessi tal-Unjoni jkunu jesigū hekk, filwaqt li titqies il-proċedura speċifika stipulata f'dawk l-Artikoli.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

L-ESMA ma wettqitx konsultazzjoni pubblika dwar l-abbozz ta' standards tekniċi mressqa lill-Kummissjoni li fuqhom huwa bbażat dan ir-Regolament Delegat u lanqas ma analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali, peress li dan kien ikun sproporzjonat ħafna għall-ambitu u l-impatt ta' dawk l-istandards, filwaqt li jitqies il-fatt li jikkonċernaw prinċipalment lill-awtoritajiet kompetenti. L-ESMA talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Flimkien mal-abbozz tal-istandards tekniċi, u f'konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, l-ESMA ppreżentat analiżi tal-abbozz tal-istandards tekniċi ppreżentat lill-Kummissjoni, iżda ma hija pprovduta l-ebda valutazzjoni tal-kostijiet u tal-benefiċċji, peress li din tqieset sproporzjonata. Din l-analiżi hija inkluża fir-Rapport Finali dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi disponibbli hawn: https://www.esma.europa.eu/sites/default/files/library/esma35-42-1183_final_report_-_ecspr_technical_standards.pdf.

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT

L-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji jistabbilixxi l-informazzjoni li għandha tiġi skambjata bejn l-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv u l-informazzjoni li għandha tiġi skambjata fir-rigward ta' persuni u entitajiet mhux inkorporati oħra.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 13.7.2022

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/1503 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-attivitajiet ta' investigazzjoni, superviżjoni u infurzar fir-rigward tal-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv Ewropej għan-negożji

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2020/1503 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar forniture Ewropej ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv għan-negożji u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1129 u d-Direttiva (UE) 2019/1937¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(8), it-tielet subparagrafu tiegħu,

Billi:

- (1) L-informazzjoni li għandha tiġi skambjata mill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 31(1) tar-Regolament (UE) 2020/1503 jenħtieġ li tippermetti lil dawk l-awtoritajiet iwettqu b'mod effettiv l-attivitajiet tagħhom ta' investigazzjoni, superviżjoni u infurzar skont dak ir-Regolament. Konsegwentement, jenħtieġ li tiġi speċifikata l-informazzjoni li l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiskambjaw sabiex ikunu jistgħu jwettqu dawk il-kompiti.
- (2) Sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jimmonitorjaw b'mod effettiv il-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jiskambjaw informazzjoni ġenerali ta' sfond u d-dokumenti kostitwenti, inklużi dokumenti ta' inkorporazzjoni nazzjonali, jew dokumenti oħra li jipprovdu għarfien dwar l-istruttura u l-attivitajiet operazzjonali tal-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv. Għall-istess raġuni, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jiskambjaw ukoll informazzjoni dwar il-proċess ta' awtorizzazzjoni u l-korpi ta' ġestjoni tal-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv, inkluż informazzjoni dwar l-adegwatezza għall-ġestjoni ta' forniture ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv u r-reputazzjoni tal-membri tal-korp maniġerjali, u informazzjoni dwar l-azzjonisti, il-penali imposti u l-miżuri amministrattivi, l-azzjonijiet ta' infurzar u l-istorja rilevanti tal-kondotta u tal-konformità tal-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv.
- (3) Sabiex jaqdu d-dmirijiet superviżorji tagħhom b'mod komprensiv, jenħtieġ ukoll li l-awtoritajiet kompetenti jiskambjaw informazzjoni rilevanti dwar persuni fiżiċi jew ġuridiċi oħra u partijiet terzi relatati mal-finanzjament kollettiv li huma ta' rilevanza għall-forniment tas-servizzi pprovduti mill-fornituri tas-servizzi tal-finanzjament

¹ ĠU L 347, 20.10.2020, p.1.

kollettiv, inkluża l-informazzjoni. fuq partijiet terzi nominati biex iwettqu funzjonijiet operazzjonali b'rabta mal-provvista ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv.

- (4) L-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti se jkun l-aktar utli fiċ-ċirkostanzi fejn jistgħu jinqalgħu kwistjonijiet ta' tħassib regolatorju relatati mal-entitajiet soġġetti għar-Regolament (UE) 2020/1503, inkluża informazzjoni dwar l-applikazzjoni inizjali għall-awtorizzazzjoni tal-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv, is-superviżjoni kontinwa tal-konformità ta' entità ma' dak ir-Regolament, u azzjonijiet superviżorji u ta' infurzar li jista' jkollhom impatt fuq l-operazzjonijiet ta' entità f'għurisidizzjoni oħra.
- (5) L-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-attivitajiet ta' investigazzjoni, superviżjoni u infurzar jenħtieġ li jitwettaq f'konformità mad-dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali tal-persuni kkonċernati, kif stabbilit fl-Artikoli 7 u 8, rispettivament, tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u jrid jikkonforma mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill².
- (6) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji ppreżentat lill-Kummissjoni mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA, *European Securities and Markets Authority*).
- (7) L-ESMA ma għamlet ebda konsultazzjoni pubblika miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji li huma l-bażi tar-Regolament, u lanqas ma analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali billi dan kien ikun sproporzjonat fir-rigward tal-ambitu u l-impatt ta' dawk l-istandards, b'kunsiderazzjoni tal-fatt li dawk l-istandards prinċipalment jikkonċernaw lill-awtoritajiet kompetenti.
- (8) L-ESMA talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³.
- (9) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ u ta opinjoni fl-1 ta' Ġunju 2022,

² Ir-Regolament (EU) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

³ Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċizzjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċizzjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

⁴ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċizzjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Informazzjoni dwar il-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv li għandha tiġi skambjata

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiskambjaw l-informazzjoni li ġejja dwar fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv:

- (a) informazzjoni ġenerali u dokumenti relatati mal-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv:
 - (i) l-isem tal-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv, l-indirizz tal-uffiċċju prinċipali jew reġistrat tiegħu, id-dettalji ta' kuntatt, il-kodiċi ISO 17442 tiegħu tal-identifikatur ta' entità ġuridika (LEI) u siltiet rilevanti minn reġistri miżmuma nazzjonalment;
 - (ii) informazzjoni dwar dokumenti kostituzzjonali li l-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv huwa meħtieġ li jkollu skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli;
- (b) informazzjoni dwar il-persuni fiżiċi responsabbli għall-ġestjoni tal-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv li ġiet approvduta bħala parti mill-proċess ta' awtorizzazzjoni, inkluż:
 - (i) l-isem u n-numru ta' identifikazzjoni personali, meta dan tal-aħħar ikun disponibbli fl-Istat Membru rilevanti;
 - (ii) informazzjoni dwar il-pożizzjonijiet li tali persuni jkollhom fi ħdan il-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv;
- (c) informazzjoni meħtieġa biex jiġu vvalutati r-reputazzjoni tajba u l-adegwatezza tal-persuni fiżiċi responsabbli għall-ġestjoni tal-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv, inkluż, fejn disponibbli:
 - (i) informazzjoni dwar l-esperjenza tax-xogħol tagħhom;
 - (ii) l-informazzjoni li ġejja dwar ir-reputazzjoni tagħhom:
 - (1) informazzjoni dwar rekords kriminali, jew sanzjonijiet amministrattivi jew ċivili u informazzjoni dwar investigazzjonijiet kriminali miftuħa kontra tali persuni fir-rigward ta' ksur ta' regoli nazzjonali fl-oqsma tal-liġi kummerċjali, il-liġi dwar l-insolvenza, il-liġi dwar is-servizzi finanzjarji, il-liġi kontra l-ħasil tal-flus, il-liġi dwar il-frodi jew l-obbligi ta' responsabbiltà professjonali, permezz ta' ċertifikat uffiċjali, jew dokument ekwivalenti ieħor f'konformità mal-liġi nazzjonali, u deskrizzjoni dettaljata ta' kwalunkwe sanzjoni ċivili jew amministrattiva imposta;
 - (2) informazzjoni dwar investigazzjonijiet jew proċedimenti li jkunu għaddejnin għajr dawk stabbiliti fil-punt (c)(ii)(1)
 - (3) informazzjoni dwar kwalunkwe rifjut ta' reġistrazzjoni, awtorizzazzjoni, sħubija jew liċenzja biex jitwettaq negozju jew professjoni, u informazzjoni dwar l-irtirar, revoka jew terminazzjoni ta' tali reġistrazzjoni, awtorizzazzjoni, sħubija jew liċenzja, jew esklużjoni minn

corp regolatorju jew governattiv jew minn corp jew assoċjazzjoni professjonali;

- (4) informazzjoni dwar kwalunkwe tkeċċija mill-impjeg relatata ma' pozzizzjonijiet u kompiti li jikkonċernaw il-ġestjoni ta' fondi jew relazzjonijiet fiduċjarji simili u deskrizzjoni tar-raġunijiet għal tali tkeċċija;
- (d) informazzjoni dwar l-azzjonisti li għandhom 20 % jew aktar tal-kapital azzjonarju jew tad-drittijiet tal-vot tal-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv, inkluża informazzjoni dwar in-nuqqas ta' rekords kriminali jew sanzjonijiet amministrattivi jew ċivili u informazzjoni dwar investigazzjonijiet kriminali miftuħa kontra tali azzjonisti, fir-rigward ta' ksur tar-regoli nazzjonali fl-oqsma tal-liġi kummerċjali, il-liġi dwar l-insolvenza, il-liġi dwar is-servizzi finanzjarji, il-liġi kontra l-ħasil tal-flus, il-liġi dwar il-frodi jew l-obbligi ta' responsabbiltà professjonali u deskrizzjoni dettaljata ta' kwalunkwe sanzjoni ċivili jew amministrattiva imposta;
- (e) informazzjoni dwar l-istruttura organizzazzjonali tal-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv, il-kundizzjonijiet operattivi u l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) 2020/1503, li ġiet approvduta bħala parti mill-proċess ta' awtorizzazzjoni u kif aġġornata permezz tal-attivitajiet superviżorji tal-awtorità kompetenti li tirċievi t-talba għal informazzjoni, inkluż iżda mhux limitat għal:
- (i) informazzjoni dwar l-arranġamenti ta' governanza u l-mekkaniżmi ta' kontroll intern li jiżguraw il-konformità mar-Regolament (UE) 2020/1503, inklużi l-ġestjoni tar-riskju u l-proċeduri tal-kontabilità;
- (ii) programm ta' operazzjonijiet li jstabilixxi t-tipi ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv approvduti mill-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv f'konformità mar-Regolament (UE) 2020/1503;
- (iii) rekords ta' konformità tal-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv, inkluża informazzjoni miżmuma mill-awtoritajiet kompetenti;
- (iv) informazzjoni li tista' tintalab mill-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv fir-rigward tal-attivitajiet u r-rekwiżiti speċifikati fl-Artikoli 3 sa 11 tar-Regolament (UE) 2020/1503;
- (f) informazzjoni dwar l-awtorizzazzjoni bħala fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv jew l-irtirar tal-awtorizzazzjoni skont l-Artikoli 12, 13 u 17 tar-Regolament (UE) 2020/1503;
- (g) informazzjoni dwar kwalunkwe penali, inklużi penali kriminali, miżuri amministrattivi jew azzjonijiet ta' infurzar, imposti fuq il-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv;
- (h) kwalunkwe informazzjoni oħra meħtieġa għall-kooperazzjoni fl-attivitajiet ta' investigazzjoni, superviżjoni u infurzar skont l-Artikolu 31(1) tar-Regolament (UE) 2020/1503.

Artikolu 2

Informazzjoni dwar persuni oħra u entitajiet mhux inkorporati li għandha tiġi skambjata

1. Fir-rigward ta' partijiet terzi relatati mal-finanzjament kollettiv li huma ta' rilevanza għall-forniment tas-servizzi pprovduti mill-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament

kollettiv u li huma persuni fiżiċi, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiskambjaw l-isem, id-data u l-post tat-twelid tal-persuna, in-numru ta' identifikazzjoni personali, fejn disponibbli fl-Istat Membru kkonċernat, u l-indirizz u d-dettalji ta' kuntatt.

2. Fir-rigward ta' partijiet terzi relatati mal-finanzjament kollettiv li huma ta' rilevanza għall-forniment tas-servizzi pprovduti mill-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv u li huma persuni ġuridiċi, awtorità kompetenti tista' titlob ukoll dokumenti li jiċċertifikaw:
 - (a) l-isem tan-negozju tal-persuna ġuridika;
 - (b) l-indirizz tal-kap jew tal-uffiċċju reġistrat tal-persuna ġuridika, u l-indirizz postali fejn dan ikun differenti;
 - (c) id-dettalji ta' kuntatt tal-persuna ġuridika, u n-numru ta' identifikazzjoni nazzjonali jew il-kodiċi LEI fejn disponibbli;
 - (d) ir-reġistrazzjoni tal-forma legali tal-persuna ġuridika, skont il-leġislazzjoni nazzjonali applikabbli;
 - (e) lista sħiħa ta' persuni li effettivament jidderieġu n-negozju tal-persuna ġuridika, inklużi isimhom, id-data u l-post tat-twelid, l-indirizz, id-dettalji ta' kuntatt, u n-numru ta' identifikazzjoni personali tagħhom fejn disponibbli fl-Istat Membru kkonċernat.
3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiskambjaw kwalunkwe informazzjoni oħra meħtieġa għall-kooperazzjoni fl-attivitajiet ta' investigazzjoni, superviżjoni u infurzar skont l-Artikolu 31(1) tar-Regolament (UE) 2020/1503.

Artikolu 3

Id-dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 13.7.2022

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN